# QORTI KRIMINALI

# IMHALLEF

# Onor. Patrick Vella, B.A., LL.D., M. Juris (EUR Law).

Akkuza Nru. 12/98

Ir-Repubblika ta' Malta

vs

Salvatore sive Salvu Gauci

Illum, 4 ta' Lulju, 2001.

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' Akkuza 12/1998;

Rat il-verdett moghti moghti fis-seduta tal-bierah 3 ta' Lulju, 2001, li bih il-gurati sabu lill-Salvatore sive Salvu Gauci (1) b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra, hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap. u (2) unanimament hati ta' l-akkuza taht it-Tieni Kap.

Tiddikjara ghalhekk lill-Salvatore sive Salvu Gauci hati talli:-

***1. Dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna, jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha il-mewt, cioe' lill-Anna Kok;***

***2. Kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.***

Semghet lix-xhud Doris Camilleri prodotta mill-hati, tixhed bil-gurament ghall-fini tal-piena.

Semghet ukoll lill-Avukat difensur Dr. Malcolm Mifsud u lill-Avukat Prosekutur Dr. Anthony Barbara jittrattaw dwar il-piena.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, aktar u aktar meta dan hu kaz ta' omicidju volontarju vjolenti, u partikolarment is-segwenti fatturi:

***1. Illi dan il-qtil volontarju w intenzjonat ta' Anna Kok da parti tal-hati Salvatore sive Salvu Gauci kien il-frott ta' sens kbir ta' vendikazzjoni u tpattija li dan il-hati kellu lejn din il-vittma tieghu ghaliex dehrlu, fl-opinjoni tieghu biss, li hi kienet ir-raguni tal-inkwiet u disgwid li kellu fil-hajja matrimonjali ma' martu Rose Gauci, oht l-istess vittma Anna Kok, raguni din li anke jekk hi vera, qatt ma tista' tiggustifika li xi hadd jiehu l-hajja ta' haddiehor b'dan il-mod;***

***2. Illi wahda mid-doveri principali tal-Qorti hi li tassew tidher apertament li qed thares l-interessi tas-socjeta' Maltija u tipprotegiha b'mod adegwat u denji kontra kull min abusivament jisfida l-ligijiet tal-pajjiz u l-ordni pubbliku.***

***3. Illi l-Qorti, specjalment f'kazijiet bhal dawn prezenti, trid ukoll tahseb fl-interessi tal-vittma w l-familjari tal-vittma, aktar u aktar meta delitti bhal dan ma jwasslu mkien aktar hlief konsegwenzi dizastruzi w hsarat irreparabbli u permanenti fejn l-ebda forma ta' kumpens ma hu qatt ser iservi ta' konsolazzjoni xierqa u adegwata in kambju ghall-hajjiet il-vittma.***

***4. Qieset ukoll li l-verdett f'dan il-guri hu fil-minimu rikjest mil-ligi 'ad validitatem', fatt dan li wkoll jigi konsidrat mil-Qorti, fl'interess tal-hati, meta tigi biex tiddecieidi x'piena tapplika f'dan il-kaz.***

***5. Qieset wkoll il-fatt li l-hati ikkopera mal-Pulizija u ma' l-awtoritajiet fl-investigazzjoni ta' dan il-kaz li gie solvut minghajr problemi jew dewmien propju ftit sieghat biss wara l-akkadut.***

***6. Tara li ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, u kull cirkostanzi ohra li dehrilha rilevanti, bl-iskop li jintlahaq bilanc adegwat bejn l-interessi ta' l-akkuzat, tas-socjeta', w tal-vittma u l-familjari mmedjati taghha b'mod li tigi amministrata retta gustizzja ma' kulhadd.***

Rat Artikoli 23, 211 (1) (2) u 533 tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikoli 13 (1) u 19 tal-Kap. 66.

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-hati Salvatore sive Salvu Gauci ghall-ghoxrin (20) sena prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Tikkundannah wkoll ihallas lill-Registratur tal-Qorti s-somma ta' disgha mija u tlett liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm903.92) ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, pagabbli skond il-ligi, u fin-nuqqas dawn jigi konvertiti f'perjodu ulterjuri ta' prigunerija skond il-ligi. Tordna l-konfiska ta' l-arma, is-sikkina, esebita fl-atti taht l-exhibit numru tal-Laboratorju Forensiku 97 AQI 508.

(ft) Joseph Sammut
Dep/Registratur